MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2009

Numru 402/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Johann J. Fenech)**

**vs**

**Mario Enriquez**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Mario Enriquez** ta' 39 sena, bin il-mejjet Henry u Giovanna *nee'* Borg, imwieled Pieta fis-6 t' Awissu, 1967, residenti nru 32, Sqaq Indri Dimech, Ghaxaq u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 328967(M);

Talli fil-5 ta' Frar 2006 ghall-habta ta' 17:15hrs fil-Kazin tal-Labour li jinsab fi Triq il-Labour, Ghaxaq;

1. volontarjament ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Alfio Vassallo minn Hal Ghaxaq minhabba li l-istess ferita sejra ggib sfregju permanenti fil-wicc tal-istess Alfio Vassallo skond kif iccertifika Dr. Joseph Agius Muscat MD mill-Poliklinika ta' Rahal Gdid;

2. talli fl-istess data, lok u hin attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PC 790 Raphael Mizzi, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita' ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

3. talli fl-istess data, lok u hin hedded bi kliem lil PC 790 Raphael Mizzi, persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qieghed jaghmel dan is-servizz bil-hsieb li tbezzghu jew tinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz.

4. talli fl-istess data, lok u hin insulenta bi kliem lil Alfio Vassallo;

5. talli fl-istess data, lok u hin kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat, glied, storbju, dagha jew mod iehor;

6. talli fl-istess data, lok u hin qal kliem oxxen fil-pubbliku;

7. talli hu recediv b'sentenza tal-Qorti Kriminali tat-12 ta' Dicembru 2002;

Il-Qorti hija mitluba li barra l-piena stabbilita ghal dan ir-reat tapplika l-provedimenti tal-artikoli 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta' ta' Alfio Vassallo.

Rat ir-rinviju tal-avukat generali tal-21 t'April, 2006 li permezz tieghu baghat lill-imputat sabiex ikun gudikat minn din il-Qorti ghal dak li hemm ravvizat fl-artikoli 214 sa 218, 95, 96, 97, 338(dd), (bb), 339(b), 17(b)(c), 49, 50, 31, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali kif ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun

trattat u deciz minn din il-Qorti bhala Qorti ta Gudikatura Kriminal;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawza dwar incident f'bar principalment dwar glieda bejn l-imputat u certu Alfio Vassallo fejn l-istess Vassallo sofra sfregju f'wiccu. Ghal dan l-incident hemm zewg verzjonijiet: dik ta' Vassallo u din tal-imputat;

**Alfio Vassallo** jghid li hu kien qieghed mal-bar tal-Kazin Laburista ta' Hal Ghaxaq qed jiehu te meta innota lill-imputat ihares lejh donnu kien qed jindirizzah u jitkellem hazin. Appena staqsieh jekk kien qed jindirizza lilu, l-imputat qabadu waddabblu tazza, laqtu f'wiccu u beda hiereg hafna demm u cio' nonostante, l-imputat baqa' jwaddabblu aktar tazzi meta allura Vassallo kellu jiddefendi ruhu. Mix-xhieda prodotti jirrizulta li t-tnejn spiccaw mal-art u Vassallo ta kemm felah lill-imputat u kellu jitwaqqaf minn ta' madwaru. Minn naha tieghu **l-imputat** jghid li dakinhar kien fil-kazin qed jara loghba futbol fuq it-television u f'dik l-atmosfera fejn "kullhadd joffendi naqra l-xulxin" (fol 101) ghadda ir-rimarka: "ma taqalghux erba llum il-Liverpool!" (fol; 101) meta Azzopardi staqsieh kien qed jghid hekk lilu. Dan tal-ahhar mar fuqu u beda jtigh, waqghu jaghtu fl-art u Azzopordi kellu jinzamm minn nies. L-imputat ddecieda jitlaq 'l barra izda hu u hiereg ra lil Azzopardi gej fuqu bid-demm f'wiccu, tefa' lill-imputat mal-art b'daqqa u baqa' jtih.

Illi dawn iz-zewg verzjonijiet jehtieg li jkunu ezaminati fl-assjem tal-provi kollha mressqa anke ghaliex il-prosekuzzjoni qed tistrieh fuq id-dikjarazzjoni tal-istess imputat meta jghid li fil-hin li kien gej fuqu Azzopardi rah bid-demm ma' wiccu izda irid jinghad li l-imputat spjega li dik kienet it-tieni darba meta Azzopardi rega gie ghal fuqu wara li qabel kien maqbuda ma xulxin mal-art.

L-imputat jghid li dak f’dik l-okkazzjoni kien xorob 4 Vodka u kien telghalu ghal rasu ghaliex ma tantx jiflah ghax-xorb (fol 104, 105).

**PC790** xehed illi kien acceda f’dan il-kazin biex iwissi lill-barman ibaxxi l-volum tal-muzika u appena dahal, avvicinah l-imputat u beda jghidlu li l-istess ufficjal kien xehed kontrieh fil-kwistjoni tal-festa u li kien gia dahal il-habs hames darbiet u li ma kienx ser ihabbel rasu jerga jidhol kif ukoll li ma kienx jahmlu bl-uniformi meta giet persuna u warbitu minn hdejn l-ufficcjal u qaltlu biex ma jaghtix kaz tal-imputat izda fl-istess waqt rahom jargumentaw u ghallhekk mar l-ghassa biex icempel lis-surgent peress li kien wahdu hemmhekk.  Sakemm mar lura l-ghassa, l-ufficjal kien infurmat min nies li hemm l-inkwiet fil-kazin fejn acceda fil-hin u ra lill-kwerelant b’qasma f’wiccu.

**Malcolm Degabriele** xehed illi huwa kien fil-kazin dakinhar u fuq struzzjonijiet ta’ PC 790 baxxa l-volum tal-muzika u inqala xi diskors bejn l-istess u l-imputat.  Huwa telaq ‘l barra jitkellem ma xi habib u f’dak il-hin inqala’ l-incident bejn l-imputat u Vassallo, sema siggu jahbat mal-bieb, dahal u ra hgieg tat-tazzi mal-art u lil Vassallo bid-demm f’wiccu. Dan ix-xhud qal li l-imputat kien ilu fil-kazin filwaqt li Vassallo kien gie jiehu kafe’ fil-kazin fejn dak il-hin kien hemm bejn ghoxrin u tletin ruh.

**Matthew Busuttil** ukoll xehed illi fil-hin tal-incident kien qieghed barra l-kazin u malli dahal ra tnejn jiggieldu mal-art.  Barra kien qed jitkellem max-xhud Degabriele flimkien ma certu Joe, ukoll imsemmi mix-xhud precedenti.

Illi minn dak migjub a konjizzjoni tal-Qorti jidher li l-imputat kien fi stat fejn ma setghax jikkontrolla ruhu u dan mhux necessarjament minhabba konsum ta’ alkahol minkejja li, fi kliemu stess, kien ha bizzejjed xorb (alkaholiku) ghaliex aktar minn hekk jitlalu ghal-rasu.  PC 790 qal li l-imputat kien qed ikellmu f’wiccu izda ma semma xejn dwar riha ta’ xorb.  Minkejja dan, jidher manifest li l-imputat kien xurban tant li huwa mar fuq il-pulizija u beda jghidlu li ma jahmlux

meta jkun bl-uniformi izda meta jkun pajzan ma ghandu xejn ghalih. PC 790 ma kienx jaf lill-imputat minkejja li qal li xehed kontrih fl-incident tal-festa meta anqas biss kien xoghol. Minkejja li qallu li diga kien dahal il-habs hames darbiet, mill-fedina penali tieghu jirrizulta li anqas biss kien dahal darba l-habs. L-imputat jidher li huwa persuna suxxettibbli hafna tant li jghid hu stess li wara din il-glieda, xi nies ikkonvincewh li Vassallo kien ghamillu hekk ghaliex kien ghandu ma nesiex l-fatt li meta kien jahdem mieghu kien kixfu ma' klijent dwar difetti fil-granit li kien ghadu kemm qieghed li kien ghatta dawn id-difetti fuq struzzjonijiet tal-principal tieghu, Vassallo. Fix-xhieda tieghu, Malcolm Degabriele xehed illi appena dahal biex jara x'kien gara, ra hafna hgieg tat-tazzi mal-art u dan jaghti kredibilita' lill-verzjoni tal-kwerelant li jghid li minkejja li l-imputat laqtu, baqa' jitfalu t-tazzi fid-direzzjoni tieghu. Illi ghalhekk dwar dan, il-Qorti qed issib htija fl-imputat kif ukoll dwar l-akkuza 4, 5 u 6;

Illi fir-rigward tal-akkuzi 2 u 3, din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha ssib lill-imputat hati. PC 790 imkien ma jghid li hassu mhedded jew aggredit bid-diskors jew manjieri tal-imputat. Certament li ma marx biex icempel ghall-assistenza fuq l-agir tal-imputat izda ghaliex anticipa li dik l-atmosfera kienet ser teskala.

Illi jirrizulta ghalhekk illi la darba l-imputat qed jinstab hati ta' uhud mill-akkuzi, tirrizulta ukoll l-akkuza tar-recediva li dwarha kienet esebita sentenza (fol 54) u konfermata mid-difiza li din kienet sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat.

Ghalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-ewwel, r-raba, l-hames, s-sitt u s-seba akkuza u stante li mhux qed issibu hati tat-tieni u t-tielet akkuzi qed tilliberah minnhom. Hekk ukoll qed tilliberah mill-akkuzi ravvizati fl-artikoli 97 stante li ma jiccentra xejn dwar il-kaz. Stante li l-artikoli indikati mill-avukat generali 21, 20, 23 u 533 ma jirrafigurawx fil-kaz appena ezaminat, l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghhom;

Wara li rat l-artikoli 218 (1)(b), 339(1) (b), 338(dd)(bb), 17, 49 u 59 tal-Kap 9;

Dwar il-piena, wara li rat il-fedina penali tal-imputat; wara li hadet in konsiderazzjoni ix-xhieda tal-Probation Officer Marianne Zammit u ezaminat bir-reqqa is-social inquiry report taghha; Wara li hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-kwerelant hafer lill-imputat; tenut kont tal-karattru suxxettibli tal-imputat;

Il-Qorti hija konsapevoli tal-fatt illi l-imputat gia inghata sentenza sospiza u t-terminu taghha kien imgedded wara sentenza ohra moghtija kontra tieghu u li wara dan l-istadju jonqos l-istadju ulterjuri ta’ habs effettiv, izda konsapevoli ukoll li l-imuputat jidher li stabilizza ruhu fis-socjeta’ u li l-imgieba tieghu hija aktar konsonanti ma’ dak li tirrikjedi minnu is-socjeta kif ukoll li skond il-probation officer, huwa ghad fadallu xoghol x’ghamel sabiex “jikkalma” fl-attitudini tieghu;

Minflok li tikkundannah ghal-piena ta’ prigunerija, qed tqieghed lill-imputat taht il-harsien ta’ ufficcjal tal-probation skond id-dispost tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta ghal perjodu ta’ tlett snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------